**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI CIVILI**

**MAGISTRAT:**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG. JUR. (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-21 TA' Marzu 2002**

**Citazzjoni nru. 132/1997**

**Hilda Debrincat**

**vs**

**Mario u Rose Mary konjugi Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attrici li tghid:

" illi l-konvenuti jikru minghand l-attrici l-hanut ta' 'Hifi/Video Rentals/Home Appliances' minghajr numru ufficjali maghruf bhala "Video Rack" fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, liema hanut huwa sottostanti d-dar ta' l-attrici;

illi madwar sentejn jew tlett snin ilu l-konvenuti kienu talbu lill-attrici l-kunsens taghha sabiex ipoggu u jinstallaw fuq il-bejt tad-dar taghha 'satellite dish antenna' ghall-hanut taghhom;

illi l-attrici kienet tat lill-konvenuti l-kunsens li jpoggu dan id-'dish antenna' fuq il-bejt tad-dar taghha b'mera tolleranza u bi pjacir u bil-patt u kundizzjoni li l-konvenuti jnehhuh meta jigu ordnati li jaghmlu dan mill-attrici;

illi bejn il-partijiet inqalghu vertenzi u ghalkemm gew interpellati mill-attrici biex jaqilghu u jnehhu minn fuq il-bejt tad-dar ta' l-attrici s-'satellite dish antenna', huma issa qeghdin jirrifjutaw li jaghmlu dan;;

TALBET ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li s-'satellite dish antenna' li gie imwahhal u installat mill-konvenuti ghall-hanut taghhom fuq il-bejt tad-dar ta' l-attrici sar bil-mera tolleranza taghha u l-konvenuti m'ghandhom ebda jedd li jhallu l-imsemmi 'satellite dish antenna' fuq il-bejt ta' l-attrici kontra l-volonta u r-rieda taghha;

2. tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss huma jnehhu u jaqilghu s-'satellite dish antenna' minn fuq il-bejt tad-dar tal-attrici bla ma jikkagunaw hsara lill-proprjeta' ta' l-attrici u in mankanza li l-konvenuti jesegwixxu l-ordni ta' din il-Qorti tawtorizza lill-attrici sabiex taqla u tnehhi dan l-apparat a spejjez tal-konvenuti; bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 1997.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament mahlufa mill-attrici u l-lista tax-xhieda annessa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti 'ratione valoris' sabiex tisma' u titratta din il-kawza;

2. fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa kkontestat bhala assolutament mhux minnu li s-'satellite dish antenna' msemmi mill-attrici gie stallat b'mera tolleranza. Infatti dan sar bi ftehim espress mal-attrici in esekuzzjoni tal-jeddijiet tal-istess konvenuti fil-gestjoni tan-negozju taghhom mill-proprjeta tal-attrici u l-unika kondizzjoni maghmula mill-attrici kienet li ma ssirx hsara lill-proprjeta taghha;

3. minghajr pregudizzju ghall-premess l-attrici qed tagixxi motivata unikament bi spirtu vessatorju sabiex tfixkel lill-konvenuti fl-esercizju tan-negozju taghhom u mhux ghaliex fil-verita hija qeghdha tbati xi pregudizzju bl-esistenza ta' din l-antenna u ghalhekk fil-verita ma hemm ebda interess legittimament sanzjonabbli.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament mahlufa u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Dan il-gudikat huwa limitat ghall-kap ta' l-ispejjes stante li kif jirrizulta mill-atti l-mertu hu ezawrit. Difatti hemm registrat li l-konvenut nehha is-'satellite dish antenna' minn fuq l-ambjenti tal-bejt tal-attrici fil-mori tal-kawza.

Mhux kontestat li l-konvenut kien jikri minghand l-attrici hanut sottostanti l-fond ta' residenza taghha u lanqas m'hemm xi kontestazzjoni dwar li fuq l-ambjenti tal-bejt ta' din ir-residenza l-konvenut installa 'satellite dish' biex jikkomplimenta in-negozju minnu gestit. L-attrici jsostni li kienet ippermettit l-installazjoni b'titolu ta' mera tolleranza. Fl-affidavit taghha l-attrici tenniet tghid li kienet hennet ghalih (cioe' il-konvenut) u hallitu jwahhlu bil-patt u l-kundizzjoni li "meta inkun irrid huwa jnehhih". Il-konvenuti, da parti taghhom, stqarrew fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, li l-installazjoni saret " bi ftehim espress mal-attrici in esekuzzjoni tal-jeddijiet tal-istess konvenuti fil-gestjoni tan-negozju taghhom mill-proprjeta tal-attrici u l-unika kondizzjoni maghmula mill-attrici kienet li ma ssirx hsara fil-proprjeta taghha". Jigifieri l-konvenuti donnhom qeghdin isostnu titolu ta' commodatum li pero' din il-Qorti mhux qeghdha tirravissa. Pjuttost din il-Qorti irriavvisat li l-azzjoni attrici kienet kemm xejn intempestiva tenut kont taz-zmien meta kienet saret l-installazjoni u l-ewwel u l-unika ntimazzjoni, almenu hekk jirrizulta mill-atti processwali, lill-konvenuti biex din titnehha. Ghal dan l-attrici trid tbati parti mill-ispejjez.

Ghalhekk tiddeciedi li fil-waqt li tiddikjara mertu ezawrit u tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu kwantu ghal terz lill-attrici u l-kumplament, jigifieri zewg terzi, ghall-konvenuti.

ft) A.M.Trigona
Magistrat

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur